

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-18 ta' Lulju 2017 (Każ R 2358/2016-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn General Nutrition Investment u C. Ntolas.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Christos Ntolas huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 437, 18.12.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Ottubru 2018 – Lincoln Global vs EUIPO (FLEXCUT)

(Kawża T-736/17) ⁽¹⁾

["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali FLEXCUT — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001]"]

(2018/C 427/83)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Lincoln Global, Inc. (Santa Fe Springs, California, l-Istati Uniti) (rappreżentant: K. Piepenbrink, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentanti: J. Ivanauskas u D. Walicka, aġenti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-30 ta' Awwissu 2017 (Każ R 2225/2016-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali FLEXCUT bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Lincoln Global, Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 13, 15.1.2018.